MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru 14/2012

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 14/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Justin Zahra**
***... omissis ...***

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fl-1 ta’ Marzu 2013 dwar eccezzjonijiet preliminari ta’ l-akkużat Justin Zahra.

2. Justin Zahra kien akkużat, flimkien ma’ Wayne Zahra, permezz ta’ Att ta’ Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-13 ta’ Ġunju 2012 (nru 14/2012) li: (1) ipprokuraw, biegħu jew xort’oħra ttraffikaw id-droga kokajina kontra l-liġi kif ukoll li l-istess Justin Zahra rrenda ruħu reċidiv; (2) kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina kontra l-liġi u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv taghhom, kif ukoll li l-istess Justin Zahra rrenda ruħu reċidiv; (3) kellhom fil-pussess tagħhom r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża kontra l-liġi u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv tagħhom, kif ukoll illi Justin Zahra rrenda ruħu reċidiv; (4) kellhom fil-pussess tagħhom il-mediċina psikotropika Benzylpiperazine (BZP), li hija kkontrollata u ristretta, kontra l-liġi u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv taghhom, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruħu reċidiv.

**3.** Permezz tar-rikors ta’ appell tiegħu l-akkużat talab li din il-Qorti tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata u tilqa’ l-eċċezzjonijiet tiegħu.

**4.** Permezz ta’ nota ta’ eċċezzjonijiet ippreżentata fit-28 ta’ Ġunju 2012 l-akkużat appellant eċċepixxa:

“a) Illi ghandu jigi sfilzat mill-process l-istatement ta’ l-akkuzat illi huwa irrilaxxa fl-14 ta’ Novembru 2009 stante illi l-istess akkuzat ma nghatax il-fakulta` li jikkomunika ma’ Avukat. F’dan is-sens id-difiza tattira l-attenzjoni ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali per Imhallef Gino Camilleri.

“b) Illi dak kollu li l-imputat Justin Zahra seta` qal lil xi membru tal-korp tal-Pulizija waqt l-investigazzjoni qabel ma nghata l-fakolta` li jqabbad Avukat tax-xelta tieghu ma jikkostitwix prova u ghandu jigi skartat in vista ta’ dak li gie

deciz kemm mill-Qrati nostrana fis-sentenza tal-Qorti Civile Sede Kostituzzjonali Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri per Imhallef Anthony Ellul, kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem.

"c) Illi r-relazzjoni tal-espert tekniku Martin Bajada ghandha tigi sfilzata peress illi l-espert ikkonkluda r-relazzjoni tieghu fuq dak li qalulu diversi impjegati tal-Vodafone, u cioe` Demaris Mifsud u d-dokumentazzjoni rilaxxjata minnha datata 23 ta' Dicembru 2009 u mibghuta lilu qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament minnha kif kien ordnat li jaghmel u dan ai termini tad-digriet datat 3 ta' Dicembru 2009. L-istess jinghad ghall-impjegati ta' Mobisle Communications Limited ezercitanti l-kummerc GO u l-informazzjoni rilaxxata mill-impjegat Anthony Bonnici, datata 10 ta Dicembru 2009 li ukoll ma tirrizultax li giet konfermata fil-gurament.

"d) Illi in subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku Martin Bajada ghandha tigi sfilzata peress illi tali xhud m'ghandux dik is-sengha specjali u teknika fil-qasam tat-teknologija u ghalhekk in-nomina tieghu ma saritx skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 650 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

**5.** Fis-sentenza taghha dwar din l-ewwel eċċezzjoni, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**"L-ewwel Eċċezzjoni - Talba għall-isfilz tal-istqarrija magħmula mill-akkużat fl-14 ta' Novembru 2009.**

**"L-akkużat qed jissottometti li fid-dawl tad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-istqarrija magħmula mill-akkużat fl-14 ta' Novembru 2009 għandha tkun sfilzata.**

**"Din in-Nota tal-Eċċezzjonijiet kienet ippreżentata fit-28 ta' Ġunju 2012. Dan kien qabel ma ngħatat is-sentenza aħħarija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Charles Steven Muscat versus Avukat Ġenerali' fit-8**

**t'Ottubru 2012 li ma kkonfermatx is-sentenza msemmija mill-akkużat.**

**"Teknikament l-artikoli 658 sa 661 tal-Kap 9 għadhom bħalma kienu qabel. Għalhekk l-istqarrija kif ittieħdet fl-14 ta' Novembru 2009 għadha prova ammissibbli.**

**"Aktar u aktar hija ammissibbli fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fit-8 t'Ottubru 2012.**

**"Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi billi tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni.**

**"It-Tieni Eċċezzjoni – Dak li qal l-akkużat lill-Pulizija ma jikkostitwix prova.**

**"L-akkużat jirreferi għas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri' deċiża mill-Imħallef l-Onor. Dr Tonio Ellul. Din is-sentenza għadha m'għaddietx in ġudikat għax, waqt li qed tinkiteb din is-sentenza, l-appell minnha għadu pendenti. Għalhekk għad m'hemm ebda insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali dwar jekk dak li jintqal lill-Pulizija għandux jitqies bħala ammissibbli jew le.**

**"Iżda barra dan, l-akkużat imkien ma indika x'qal lill-Pulizija li huwa qed iqis bħala li seta' jinkriminah. Minflok huwa għażel il-verb 'seta' qal'.**

**"Huwa propju hawn li jinsab it-tieni nuqqas ta' din l-eċċezzjoni għaliex f'dan l-istadju l-akkużat naqas li jindika biċ-ċar il-kliem, frażijiet jew sentenzi biex il-Qorti tiffoka fuqu.**

**"Madanakollu, il-Qorti iżda fliet l-atti ħalli tara ssibx xi ħaġa li ntqalet lill-Pulizija (barra d-diversi stqarrijiet) u ma sabet li qal xejn lill-Pulizija, kemm qabel u wara t-tfittxija, li seta' jinkrimina lill-akkużat. Dan kien it-tielet nuqqas ta' din l-eċċezzjoni.**

**"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni.**

**“It-Tielet Eċċezzjoni hija dwar ir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada**

**“L-akkużat jissottometti li din ir-relazzjoni għandha tkun sfilzata minħabba li l-espert straħ fuq dak li qalulu l-impjegati tal-Vodafone u tal-Mobisle Communications Limited. Il-Prosekuzzjoni iżda ma qablitx ma’ din is-sottomissjoni. Mill-atti jirriżulta li Demaris Mifsud (23 ta’ Diċembru 2009) u Anthony Bonnici (5 ta’ Jannar 2010) (Dok CN 113 DA) t-tnejn ikkonfermaw l-informazzjoni li taw bil-ġurament. Ukoll id-dokumenti bid-dati tal-10 ta’ Diċembru u t-23 ta’ Diċembru ġew ikkonfermati bil-ġurament.**

**“Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni.**

**“Ir-raba’ eċċezzjoni hija dwar il-ħila teknika tal-espert Martin Bajada.**

**“L-akkużat issottometta li l-espert tekniku Martin Bajada m’għandux is-sengħa speċjali u teknika kif jitlob l-artikolu 650 tal-Kap 9.**

**“Il-Prosekuzzjoni ssottomottiet li dan l-espert ma kienx rekużat matul il-kumpilazzjoni.**

**“Ikkonsidrat**

**“Li l-ewwelnett, l-akkużat kellu ċ-ċans li jirrekuża lill-espert meta nħatar. Issa li ġew kompilati l-atti, huwa tard wisq biex wieħed iqajjem kwistjoni li jmissha tqajmet fl-istadju opportun.**

**“Barra dan, l-espert maħtur mhux l-ewwel darba li ngħażel mill-Qorti sabiex jagħmel din it-tip ta’ analiżi. Huwa xehed diversi drabi matul il-ġurijiet u hawn l-espert l-ewwel ħaġa li jagħmel huwa li jispjega x’inhi l-ħila tiegħu propju f’dan il-qasam li għalih inħatar.**

**“Għalhekk il-Qorti mhix qed tilqa’ din ir-raba’ eċċezzjoni.**

**6.** L-aggravji ta' l-appellant jirrigwardaw il-mod kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti dwar l-eċċezzjonijiet tiegħu.

**7.** Dwar l-ewwel eċċezzjoni, din il-Qorti sejra tillimita ruħha billi tirreferi għal dak li ddeċidiet fis-sentenzi tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Abdilla et** mogħtija fid-9 ta' Mejju 2013 u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Giovanna Pace et** mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2013. Din Il-Qorti tirriafferma l-pożizzjoni tagħha kif enunċjata f'dawk il-kawżi.

**8.** Inoltre tirrileva għal kull bwon fini li, bħalma ma ntqal fis-sentenza tagħha mogħtija fil-5 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Ana-Maria Beatrice Ciocanel**, *"it is a well established principle that as a rule questions relating to fair trial are to be addressed upon an assessment of the trial as a whole and that it is only at the conclusion of such trial that a proper assessment of whether there has been a fair trial can be made."*

**9.** Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, l-istqarrija ta' l-appellant m'għandhiex tiġi sfilzata.

**10.** Kwantu għal dawk li, waqt sottomissjonijiet orali, id-difensur ta' l-appellant irreferiet għalihom bħala *"utterances"* li seta' għamel l-appellant lill-Pulizija, din il-Qorti tirrileva li lanqas f'dan l-istadju ma ndika l-appellant x'*"utterances"* għamel li setgħu jinkriminawh. Minn eżami li għamlet din il-Qorti tal-provi kompilati effettivament ma jirriżultawx *"utterances"*. Dak li qal l-Ispettur Pierre Grech li qal l-appellant huwa fil-kuntest ta' l-istqarrija.

**11.** Konsegwentement l-ewwel żewġ aggravji huma miċħuda.

**12.** Dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet l-appellant jgħid illi r-rapport ta' l-espert tekniku Martin Bajada għandu jiġi sfilzat kemm għax bażat fuq informazzjoni u dokumentazzjoni mhux konfermata bil-ġurament kif ukoll għax ma jirriżultax x'setgħa jew teknika speċjali għandu. Skond l-appellant, l-eżerċizzju li għamel Martin Bajada setgħet għamlitu l-Qorti stess a bażi tad-dokumenti.

**13.** Permezz ta’ digriet tat-3 ta’ Diċembru 2009 Martin Bajada nħatar “fil-konfront ta’ Dok. PG3 u PG4 sabiex, wara li jeleva l-istess, joħroġ *full incoming* u *outgoing call profile* u *SMSs* għall-perijodu 13 ta’ Ottubru 2009 – 15 ta’ Novembru 2009, u għal dan l-iskop is-*service providers* kollha huma ordnati jgħaddu dik l-informazzjoni kollha mitluba lilhom minn Martin Bajada li huwa awtorizzat jirċievi l-istess informazzjoni bil-ġurament.”

**14.** Mid-dokumenti esibiti minn Martin Bajada jirriżulta illi huwa rċieva d-dokumentazzjoni rilevanti mingħand il-*providers* bil-ġurament – Demaris Mifsud għas-soċjeta` Vodafone Malta Ltd. fit-23 ta’ Diċembru 2009 u Anthony Bonnici għas-soċjeta` Mobisle Communications Ltd. fil-5 ta’ Jannar 2010. Inoltre hu stess ħareġ l-informazzjoni li kien hemm fuq il-*mobiles* stess. Huwa minnu illi d-dokumentazzjoni setgħet irċeviethom il-Qorti iżda biex tinħareġ l-informazzjoni minn fuq il-*mobiles* intuża apparat elettroniku li ċertament mhuwiex a disposizzjoni tal-Qorti.

**15.** Dwar jekk Martin Bajada għandux il-ħila u teknika biex jagħmel dan ix-xogħol, bħalma qalet l-Ewwel Qorti, l-appellant fl-ebda mument waqt l-Istruttorja ma dehrlu li kellu jirrikużah. Inoltre huwa espert illi jintagħżel regolarment mill-Qrati biex jagħmel dan it-tip ta’ xogħol. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-1 ta’ Diċembru 2005 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mario Pollacco** intqal:

**“Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'Blackstone's Criminal Practice 2001[1], *‘whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both’*. Fis-sentenza tas-South Australia Supreme**

[1] Para. F10.3 pagna 2120.

**Court fl-ismijiet *R. v. Bonython* (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003[2], King C.J. qal:**

**"'Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the *voir dire* of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies…. Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion….**

**"'If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the *voir dire* in order to make a finding as to those qualifications….'"**

**16.** L-Ewwel Qorti qalet ukoll illi Martin Bajada xehed diversi drabi matul il-ġurijiet u li l-ewwel ħaġa li jagħmel huwa li jispjega x'inhi l-ħila tiegħu proprju f'dan il-qasam li għalih inħatar. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi hekk jerġa' jiġri fil-ġuri ta' l-appellant. Ikun imbagħad għall-ġurati sabiex jiddeċiedu, a bażi ta' l-apprezzament tagħhom tal-kwalifiki li jindika l-imsemmi espert, x'piż jagħtu lir-rapport tiegħu. L-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali fil-fatt jiddisponi:

**"Min għandu jiddeċiedi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu."**

**17.** F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni sabiex tgħid, bħalma qiegħed jitlob l-appellant, li Martin Bajada ma kellux il-ħila u teknika speċjali biex iwettaq l-inkarigu li kien ġie mogħti mill-Qorti Istruttorja (eskluż naturalment dik il-parti ta' l-inkarigu fejn kellu jirċievi dokumentazzjoni mingħand il-*providers*). Kemm il-Qorti

---

[2] Para. 10-65 pagna 1234.

Istruttorja kif ukoll il-Qorti Kriminali kienu tal-fehma li kellu l-ħila u teknika meħtieġa. Fl-aħħar mill-aħħar, pero`, il-ġurati se jkunu liberi li jaslu għal konklużjoni differenti.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-atti jiġu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali sabiex dik il-Qorti tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta’ l-imsemmi Justin Zahra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------